# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fid-9 ta' Settembru 2021[1]

**Kawża C-179/20**

**Fondul Proprietatea SA**
**vs**
**Guvernul României,**
**SC Complexul Energetic Hunedoara SA, fi stralċ,**
**Compania Națională de Transport a Energiei Electrice Transelectrica SA,**
**SC Complexul Energetic Oltenia SA,**
**fil-preżenza ta'**
**Ministerul Economiei, Energiei şi Mediului de Afaceri**

[talba għal deċiżjoni preliminari ppreżentata mill-Curtea de Apel Bucureşti (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku – Aċċess liberu tat-terzi għan-networks – Obbligi ta' servizz pubbliku – Sigurtà fil-provvista – Direttiva 2009/72/KE – Aċċess iggarantit għan-networks tal-elettriku – Direttiva 2009/28/KE"

1. Stat Membru jista' jagħti aċċess iggarantit għan-networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni lil ċerti installazzjonijiet ta' produzzjoni ta' elettriku li jużaw sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli?

2. Hija din id-domanda li, fost dawk li huma s-suġġett tat-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Bucureşti (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija), ser tkun is-suġġett, fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, ta' dawn il-konklużjonijiet.

3. Fis-sentenza tagħha li għandha tingħata, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha, partikolarment, l-opportunità li tiddeċiedi fuq il-portata tal-obbligu tal-Istati Membri li jagħtu lill-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli aċċess iggarantit għan-networks kif ukoll fuq l-impatt tal-għoti ta' aċċess iggarantit lil ċerti installazzjonijiet ta' produzzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli fuq l-aċċess għan-networks tal-installazzjonijiet ta' produzzjoni li ma jibbenefikawx minnu.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

# I. Il-kuntest ġuridiku

## *A. Id-dritt tal-Unjoni*

### *1. Id-Direttiva 2009/28/KE*

4. Il-premessa 60 tad-Direttiva 2009/28 [2] tiddikjara:

"L-aċċess ta' prijorità u l-aċċess garantit għall-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli huma importanti biex sorsi ta' enerġija rinovabbli jkunu integrati fis-suq intern tal-elettriku, f'konformità mal-Artikolu 11(2) u l-iżvilupp ulterjuri tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/54/KE [3]. Ir-rekwiżiti relatati maż-żamma tal-affidabilità u s-sikurezza tal-grilja [tan-network] u mad-distribuzzjoni jistgħu jvarjaw skont il-karatteristiċi tal-grilja nazzjonali u l-operat sikur tagħha. L-aċċess ta' prijorità għall-grilja jipprovdi assigurazzjoni mogħtija lill-ġeneraturi tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli konnessi li jkunu kapaċi jbiegħu u jittrasmettu l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli skont ir-regoli ta' konnessjoni f'kull ħin, kull meta s-sors ikun disponibbli. Fil-każ li l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinovabbli jkun integrat fis-suq tal-komoditajiet, l-aċċess ta' garanzija għandu jiżgura li l-elettriku kollu mibjugħ u appoġġat ikollu aċċess għall-grilja, filwaqt li jippermetti l-użu ta' ammont massimu ta' elettriku minn sorsi tal-enerġija rinovabbli minn impjanti konnessi mall-grilja. Madankollu, dan ma jimplika l-ebda obbligu tal-Istati Membri li jappoġġaw jew li jintroduċu obbligi ta' xiri għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli. F'sistemi oħra, għall-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli jiġi definit prezz fiss, ħafna drabi flimkien ma' obbligu ta' xiri għall-operatur tas-sistema. F'dan il-każ, diġà ngħata aċċess ta' prijorità."

5. L-Artikolu 16 ta' din id-direttiva, intitolat "Aċċess għall-grilji [għan-networks] u t-tħaddim tagħhom", jipprovdi fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Soġġett għar-rekwiżiti marbuta maż-żamma tal-affidabbiltà u s-sigurtà tal-grilja, fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti u mhux diskriminatorji ddefiniti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti:

[…]

(b) L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll jew għal aċċess prijoritarju jew għal aċċess garantit għas-sistema ta' grilja tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

(c) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fit-trasmissjoni ta' impjanti li jiġġeneraw l-elettriku, l-operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni għandhom jagħtu prijorità lill-impjanti ta' ġenerazzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli sa fejn tippermetti l-operazzjoni sikura tas-sistema tal-elettriku nazzjonali u fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti u mhux diskriminatorji. […]"

2 Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU 2009, L 140, p. 16).

3 Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta' l-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 211).

*2. Id-Direttiva 2009/72/KE*

6. L-Artikolu 3, intitolat "Obbligi tas-servizz pubbliku u l-protezzjoni tal-klijenti", tad-Direttiva 2009/72[4] jipprovdi fil-paragrafi 2 u 14 tiegħu:

"2. B'konsiderazzjoni sħiħa għad-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu, l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq impriżi li jkunu qed jaħdmu fis-settur tal-elettriku, u fl-interess ekonomiku ġenerali, l-obbligi tas-servizz pubbliku li jistgħu jkunu marbuta mas-sigurtà, inkluża s-sigurtà fil-provvista, ir-regolarità, il-kwalità u l-prezz tal-provvisti u l-protezzjoni ambjentali, inklużi l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, ill-enerġija minn sorsi li jiġġeddu u l-protezzjoni tal-klima. Tali obbligi għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, mhux diskriminatorji, verifikabbli u għandhom jiggarantixxu l-ugwaljanza tal-aċċess lill-impriżi tal-elettriku Komunitarji għall-konsumaturi nazzjonali. Fir-rigward tas-sigurtà fil-provvista, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija/il-ġestjoni tad-domanda kif ukoll il-kisba tal-għanijiet ambjentali u tal-għanijiet fir-rigward tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu, kif imsemmi f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu l-implimentazzjoni ta' ppjanar għal perjodu fit-tul, meta titqies il-possibilità li terzi persuni jitolbu aċċess għas-sistema [għan-network].

[…]

14. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7, 8, 32 u/jew 34 kemm-il darba l-applikazzjoni tagħhom tkun tista' xxekkel il-prestazzjoni, fil-liġi jew fil-verità, tal-obbligi imposti fuq l-impriżi tal-elettriku fl-interess ekonomiku ġenerali, u kemm-il darba l-iżvilupp tas-sengħa ma jkunx affettwat b'tali mod li jkun imur kontra l-interessi tal-Komunità. L-interessi tal-Komunità jinkludu, inter alia, il-kompetizzjoni fir-rigward tal-klijenti eliġibbli konformement ma' din id-Direttiva u l-Artikolu 86 tat-Trattat."

7. L-Artikolu 15, intitolat "Dispaċċ u bilanċjar", tad-Direttiva 2009/72 jistabbilixxi:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-provvista tal-elettriku fuq il-bażi tal-obbligi kuntrattwali, inklużi dawk li jkunu ġejjin mill-ispeċifikazzjonijiet tat-tfiegħ tal-offerti, l-operatur tas-sistema [tan-network] ta' trasmissjoni għandu, fejn ikollu din il-funzjoni, jkun responsabbli mid-dispaċċ ta' istallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni fiż-żona tiegħu u biex jiddetermina l-użu ta' interkonnetturi ma' sistemi oħra.

2. Id-dispaċċ ta' istallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni u l-użu ta' interkonnetturi għandhom jiġu determinati fuq il-bażi ta' kriterji li għandhom jiġu approvati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fejn dawn huma kompetenti u li għandhom ikunu oġġettivi, pubblikati u applikati b'mod nondiskriminatorju li jiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern fil-qasam tal-elettriku. Il-kriterji għandhom jieħdu kont tal-preċedenza ekonomika tal-elettriku minn istallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni disponibbli jew trasferimenti ta' interkonnetturi kif ukoll ir-restrizzjonijiet tekniċi fuq is-sistema.

3. Stat Membru għandu jeħtieġ li l-operaturi tas-sistema jaġixxu bi qbil mal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2009/28/KE meta jsir id-dispaċċ tal-istallazzjonijiet li jużaw l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu. Jista' wkoll jirrikjedi lill-operatur tas-sistema li jagħti prijorità meta jiddispaċċja l-istallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jipproduċu s-sħana u l-enerġija flimkien.

[4] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU 2009, L 211, p. 55).

4. Stat Membru jista', għal raġunijiet ta' sigurtà fil-provvista, jagħti istruzzjoni li tingħata prijorità għad-dispaċċ ta' istallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jkunu jużaw sorsi ta' karburant ta' enerġija primarja indiġena, sa livell, fi kwalunkwe sena kalendarja, ta' 15 % tal-enerġija primarja totali meħtieġa għall-produzzjoni tal-elettriku kkunsmat fl-Istat Membru kkonċernat.

[…]"

8. L-Artikolu 32, intitolat "Aċċess minn parti terza", tad-Direttiva 2009/72 jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistema ta' aċċess għal terzi parti għas-sistemi ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni bbażat fuq tariffi ppubblikati, applikabbli għall-klijenti eliġibbli kollha u applikati b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistema. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk it-tariffi, jew il-metodoloġiji li jkunu sottostanti l-kalkoli tagħhom, ikunu approvati qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom konformement mal-Artikolu 37 u li dawk it-tariffi, u l-metodoloġiji — fejn il-metodoloġiji jkunu approvati — jiġu ppubblikati qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom.

2. L-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew ta' distribuzzjoni jista' jirrifjuta l-aċċess fil-każ li ma jkollux il-kapaċità neċessarja. Għal rifjut bħal dan għandhom jingħataw raġunijiet sostanzjati, partikolarment meta jitqies l-Artikolu 3, u bbażati fuq kriterji oġġettivi u ġustifikabbli teknikament u ekonomikament. […]"

### *B. Id-dritt Rumen*

9. Ir-Rumanija, sabiex tittrasponi d-Direttiva 2009/72, adottat serje ta' liġijiet, fosthom il-Legea energiei electrice și a gazelor naturale nr. 123/2012 (il-Liġi Nru 123 dwar l-Elettriku u l-Gass Naturali), tal-10 ta' Lulju 2012 (*Monitorul Oficial al României*, Nru 485 tas-16 ta' Lulju 2012), (iktar 'il quddiem, il-"Liġi Nru 123/2012") u, b'applikazzjoni ta' din il-liġi, il-Hotărârea Guvernului Nru 138/2013 privind adoptarea unor măsuri pentru siguranța alimentării cu energie electrică (id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013 li Tadotta Miżuri għas-Sigurtà fil-Provvista tal-Elettriku), tat-3 ta' April 2013 (*Monitorul Oficial al României*, Nru 196 tat-8 ta' April 2013) (iktar 'il quddiem, id-"Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013").

10. Qabel kollox, il-Liġi Nru 123/2012, iddisponiet, fl-Artikolu 5(3) tagħha, intitolat "Programm tal-enerġija":

"Permezz ta' deċiżjoni tal-Gvern, għal raġunijiet marbuta mas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku, aċċess iggarantit għan-networks tal-elettriku jista' jingħata għall-elettriku prodott minn impjanti tal-elettriku li jużaw karburant nazzjonali, fil-limitu ta' kwantita annwali ta' enerġija primarja ta' 15 % tal-kwantità totali ta' karburant ekwivalenti neċessarju għall-produzzjoni tal-elettriku neċessarju għall-konsum gross finali tal-pajjiż."

11. Id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013 kienet tipprevedi, sussegwentement, fl-Artikolu 1 tagħha:

"Jingħata aċċess iggarantit għan-networks tal-elettriku, l-elettriku prodott mill-impjant tal-enerġija termoelettrika ta' Mintia, proprjetà tas-Societatea Comercială Complexul Energetic Hunedoara SA, li jiżguralha funzjonament kontinwu b'potenza elettrika medja ta' mill-inqas 200 MW."

12. Fl-istess sens, l-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni kien jipprovdi:

"Jingħata aċċess iggarantit għan-networks tal-elettriku prodotti mis-Societatea Comercială Complexul Energetic Oltenia SA, li jiżguralha funzjonament kontinwu b'potenza elettrika medja ta' mill-inqas 500 MW."

13. L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013 kien jistabbilixxi:

"Il-Compania Națională de Transport al Energiei Electrice 'Transelectrica' SA, bħala operatur tan-networks ta' trażmissjoni, hija marbuta li tiggarantixxi l-għoti ta' aċċess prijoritarju għad-dispatching tal-elettriku prodott mill-impjanti ta' enerġija termoelettrika previsti fl-Artikoli 1 u 2 taħt il-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni adottata mill-Autoritatea Națională de Reglementare în Domeniul Energiei [(ANRE), l-Awtorità Nazzjonali tal-Kontroll tal-Qasam tal-Enerġija]."

14. L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013 kien jipprevedi:

"Sabiex jinżamm il-livell ta' sigurtà tas-sistema ta' elettriku nazzjonali, Societatea Comercială Complexul Energetic Hunedoara SA għandha l-obbligu li tipprovdi servizzi anċillari lill-operatur tan-networks ta' trażmissjoni ta' potenza elettrika ta' mill-inqas 400 MW, konformement mal-leġiżlazzjoni adottata mill-[ANRE]."

15. Fl-istess sens, l-Artikolu 5 tal-imsemmija deċiżjoni kien jipprovdi:

"Sabiex jinżamm il-livell tas-sigurtà tas-sistema ta' elettriku nazzjonali, [Societatea Comercială] Complexul Energetic Oltenia SA għandha l-obbligu li tipprovdi servizzi anċillari lill-operatur tan-networks ta' trażmissjoni ta' potenza elettrika ta' mill-inqas 600 MW, konformement mal-leġiżlazzjoni adottata mill-[ANRE]."

16. Id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013 kienet tipprevedi, fl-Artikolu 6 tagħha, li l-"miżuri previsti f'din id-deċiżjoni, japplikaw mill-15 ta' April 2013 sal-1 ta' Lulju 2015".

17. Permezz tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 941/2014, it-terminu mogħti sabiex jiġu applikati l-miżuri previsti fl-Artikoli 1, 3 u 4 tad-Deċiżjoni Nru 138/2013 għall-kumpannija Complexul Energetic Hunedoara SA kien ġie estiż sal-31 ta' Diċembru 2017.

## II. Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-proċedura prinċipali u d-domanda preliminari

18. SC Complexul Energetic Hunedoara u SC Complexul Energetic Oltenia SA huma żewġ kumpanniji li jipproduċu l-elettriku li jużaw sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli. Id-dritt Rumen, hekk kif esponejt jistabbilixxi tliet miżuri fil-konfront tagħhom li jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

– għoti ta' aċċess prijoritarju għad-dispatching minn Transelectrica[5] tal-elettriku prodott mill-impjant ta' enerġija termoelettrika ta' Mintia li hija proprjetà ta' SC Complexul Energetic

[5] Transelectrica hija l-operatur tan-networks tat-trażmissjoni tal-elettriku fir-Rumanija.

Hunedoara SA u tal-elettriku prodott minn SC Complexul Energetic Oltenia SA (Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013)[6];

– aċċess iggarantit għan-networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-elettriku prodott mill-impjanti ta' enerġija termoelettrika previsti hawn fuq li jiżguralhom rispettivament funzjonament kontinwu b'potenza elettrika medja ta' mill-inqas 200 MW u 500 MW (Artikolu 5(3) tal-Liġi Nru 123/2012 u Artikoli 1 u 2 tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013; iktar 'il quddiem, il-"miżura inkwistjoni");

– l-obbligu għal SC Complexul Energetic Hunedoara u SC Complexul Energetic Oltenia li jipprovdu lil Transelectrica servizzi anċillari rispettivament ta' potenza elettrika medja ta' mill-inqas 400 MW u 600 MW (Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013).

19. Fondul Proprietatea SA, azzjonista ta' kumpannija li tipproduċi l-elettriku billi tuża sorsi ta' enerġija rinnovabbli, Hidroelectrica SA, qieset ruħha leża mill-adozzjoni ta' dawn il-miżuri mir-Rumanija sa fejn dawn, fl-opinjoni tagħha, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat li jibbenefikaw minnha SC Complexul Energetic Hunedoara u SC Complexul Energetic Oltenia, li hija tikkunsidra bħala tnejn mill-kompetituri tagħha.

20. Għaldaqstant, sabiex tipproteġi l-interessi tagħha, Fondul Proprietatea ppreżentat rikors għal annullament kontra d-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013 quddiem il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest). Permezz ta' sentenza tal-10 ta' Marzu 2015, din ċaħdet ir-rikors tagħha.

21. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ppreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem l-Înalta Curte de Casație și Justiție - Secția de Contencios Administrativ și Fiscal (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja – Awla tal-Kwistjonijiet Amministrattivi u Fiskali). Permezz ta' sentenza tat--22 ta' Mejju 2018, din tal-aħħar annullat parzjalment lis-sentenza kkontestata minħabba l-fatt li l-Qorti tal-Appell ta' Bukarest ma eżaminatx ir-raġunijiet ta' illegalità kollha mqajma mir-rikorrenti. Bħala konsegwenza, il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja rrinvijat lill-partijiet quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest sabiex din teżamina r-raġunijiet imsemmija kollha.

22. Fl-okkażjoni tal-eżami tar-rinviju tar-rikors għal annullament, il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest), mistiedna f'dan is-sens mir-rikorrenti, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Artikolu 107 u Artikolu 108(3) TFUE: L-adozzjoni mill-istat Rumen ta' leġiżlazzjoni li tipprevedi favur żewġ kumpanniji li l-maġġoranza tal-kapital tagħhom huwa miżmum mill-Istat:

a) l-għoti ta' aċċess prijoritarju għad-dispatching u l-obbligu għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni li jixtri servizzi anċillari mingħand dawn il-kumpanniji u

[6] Jidhirli li l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013 ma jistabbilixxi ebda limitu għall-kwantità ta' elettriku mogħti b'aċċess prijoritarju minn Transelectrica sa fejn il-limitu ta' 15 % stabbilit fl-Artikolu 5(3) tal-Liġi Nru 123/2012 jipprevedi biss il-mekkaniżmu ta' aċċess garantit. Madankollu huwa possibbli li l-kwantità ta' elettriku prodotta mill-installazzjonijiet ta' produzzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013 u li bbenefikaw minn aċċess prijoritarju ma qabżitx il-limitu ta' 15 % previst fl-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2009/72.

b) l-għoti ta' aċċess iggarantit għan-networks tal-elettriku għall-enerġija prodotta minn dawn iż-żewġ kumpanniji sabiex jiġi żgurat it-tħaddim kontinwu tagħhom tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, jiġifieri hija miżura ffinanzjata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, hija ta' natura selettiva u tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri[?] Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, din l-għajnuna mill-Istat kienet suġġetta għan-notifika prevista fl-Artikolu 108(3) TFUE?

2) L-għoti mill-Istat Rumen ta' dritt iggarantit ta' aċċess għan-network tal-elettriku lil żewġ kumpanniji li l-maġġoranza tal-kapital tagħhom huwa miżmum mill-Istat, li għandu jiżgura t-tħaddim kontinwu tagħhom, huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(4) [ta' din id-direttiva]?"

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23. Dawn id-domandi kienu s-suġġett ta' osservazzjonijiet bil-miktub min-naħa ta' Fondul Proprietatea, ta' SC Complexul Energetic Oltenia SA u tal-Kummissjoni Ewropea.

24. It-trattazzjonijiet ta' Fondul Proprietatea u l-Kummissjoni Commission instemgħu waqt is-seduta tat-2 ta' Ġunju 2021.

## IV. Analiżi

25. Kif ġie indikat hawn fuq, dawn il-konklużjonijiet ser jirrigwardaw it-tieni domanda biss konformement mat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja.

### *A. Osservazzjonijiet preliminari fuq il-kunċetti ta' "aċċess prijoritarju għad-dispatching" u ta' "aċċess iggarantit"*

26. Fid-dawl tal-assenza ta' definizzjoni tal-kunċetti ta' "aċċess prijoritarju għad-dispatching" u ta' "aċċess iggarantit" mid-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2009/28 u 2009/72, jidhirli li huwa neċessarju li dawn jiġu spjegati.

#### *1. Fuq il-kunċett ta' "aċċess prijoritarju għad-dispatching"*

27. Kif jipprovdi l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2009/72, huwa l-operatur tan-networks ta' trażmissjoni li għandu jipproċedi għad-dispatching tal-installazzjonijiet ta' produzzjoni. F'dan ir-rigward, id-dispatching jista' jiġi ddefinit, hekk kif għamlet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza ENEL, bħala "l-operazzjoni li permezz tagħha l-operatur tan-netwerk 'jwettaq dispaċċ' tal-istallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jkollhom riżerva ta' kapaċità adegwata u li jinsabu fiż-żona tiegħu, skont il-bżonnijiet tat-talba, bil-għan li jiġi żgurat, f'kull mument, il-bilanċ bejn l-offerta u t-talba ta' elettriku fuq in-netwerk, kif ukoll li tiġi żgurata l-kontinwità tal-provvista tal-elettriku"[7].

28. Skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/72, id-determinazzjoni tad-dispatching tal-installazzjonijiet ta' produzzjoni f'din l-okkażjoni, għandha sseħħ fuq il-bażi ta' kriterji li għandhom ikunu oġġettivi, ippubblikati u applikati b'mod nondiskriminatorju u li jieħdu

[7] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, ENEL (C-242/10, EU:C:2011:861, punt 11).

inkunsiderazzjoni b'mod partikolari dak tal-ordni tal-preċedenza ekonomika. F'dan ir-rigward, dan il-kriterju huwa ddefinit bħala "il-gradazzjoni tas-sorsi tal-provvista tal-elettriku konformement ma' kriterji ekonomiċi" [8]. B'mod konkret, jingħata d-dispatching lill-installazzjonijiet ta' produzzjoni, bħala prinċipju, billi jibdew mill-offerta l-iktar baxxa u jipproċedu b'ordni li jikber sakemm tiġi ssodisfatta d-domanda kollha [9].

29. Madankollu, il-leġiżlatur adatta lid-dispatching kif għadni kif esponejt permezz tal-introduzzjoni tal-kunċett ta' "aċċess prijoritarju għad-dispatching". L-aċċess prijoritarju għad-dispatching jikkonsisti fl-operatur tan-networks ta' trażmissjoni jagħti dispatching lill-installazzjonijiet ta' produzzjoni fuq il-bażi ta' kriterji oħra minbarra dak tal-ordni ta' preċedenza ekonomika. Fil-fatt, sussegwentement għall-adozzjoni tad-Direttiva 2009/72, il-leġiżlatur iddefinixxa l-aċċess prijoritarju għad-dispatching bħala, "fir-rigward tal-mudell tal-awtodispaċċ, id-dispaċċ tal-impjanti tal-elettriku abbażi ta' kriterji differenti mill-ordni ekonomika tal-offerti u b'rigward, il-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat, id-dispaċċ ta' impjanti tal-enerġija abbażi ta' kriterji li huma differenti mill-ordni ekonomika tal-offerti u mil-limitazzjonijiet tan-netwerk li jagħtu prijorità lid-dispaċċ ta' ġenerazzjoni partikolari tat-teknoloġiji" [10]. F'dan il-każ, id-Direttiva 2009/72 tipprevedi aċċess prijoritarju għad-dispatching għal żewġ kategoriji ta' installazzjoni ta' produzzjoni.

30. Fl-ewwel lok, l-Istati Membri huma marbuta li jagħtu aċċess prijoritarju għad-dispatching lill-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli b'applikazzjoni tal-Artikolu 16(2)(c) tad-Direttiva 2009/28 li għalih jirreferi l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2009/72 [11]. Dan l-aċċess prijoritarju għad-dispatching, li huwa bbażat fuq raġunijiet ta' protezzjoni tal-ambjent [12], huwa maħsub li jkun mekkaniżmu ta' appoġġ għal dawn l-installazzjonijiet [13].

31. Fit-tieni lok, l-Istati Membri jistgħu jagħtu aċċess prijoritarju għad-dispatching lill-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jużaw sorsi ta' karburant indiġeni ta' enerġija primarja, b'applikazzjoni tal-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2009/72 [14]. Dan l-aċċess prijoritarju għad-dispatching, li huwa bbażat fuq raġunijiet ta' sigurtà ta' provvista, huwa madankollu limitat "sa livell, fi kwalunkwe sena kalendarja, ta' 15 % tal-enerġija primarja totali meħtieġa għall-produzzjoni tal-elettriku kkunsmat fl-Istat Membru kkonċernat".

8 Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72.

9 Ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, ENEL (C-242/10, EU:C:2011:861, punt 87).

10 Il-punt 20 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU 2019, L 158, p. 54).

11 L-aċċess prijoritarju għad-dispatching favur l-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli kien diġà ġie previst mid-direttivi li jippreċedew id-Direttiva 2009/72 (l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern ta' l-elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 3), li sar l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/54/KE. Barra minn hekk, dan id-dispatching huwa wkoll għall-benefiċċju tal-installazzjonijiet li jipproduċu s-sħana u l-enerġija flimkien (Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2009/72).

12 Ara l-premessa 28 tad-Direttiva 96/92.

13 Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, Tlestija tas-suq intern tal-enerġija (COM(2001) 125 final, p. 25).

14 L-aċċess prijoritarju għad-dispatching favur installazzjonijiet ta' produzzjoni li jużaw sorsi ta' karburant indiġeni ta' enerġija primarja kien diġà previst mid-direttivi preċedenti għad-Direttiva 2009/72 (Artikolu 8(4) tad-Direttiva 96/92, li sar l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2003/54).

*2. Fuq il-kunċett ta' "aċċess iggarantit"*

32. Il-paragrafu 2(b) tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2009/28 intitolat "Aċċess għall-grilji [networks] u t-tħaddim tagħhom", jimponi fuq l-Istati Membri biex jipprovdu "jew [...] aċċess prijoritarju jew [...] aċċess garantit għas-sistema ta' grilja [network] tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli" [15].

33. Madankollu, din id-definizzjoni ma tiddefinixxix il-kunċett ta' "aċċess iggarantit", u ma fiha ebda riferiment esplicitu għad-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw is-sens u l-portata tiegħu. Bħala konsegwenza, dan il-kunċett għandu jingħata, abbażi ta' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha tiġi mfittxija billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll il-kuntest li fih tidħol din id-dispożizzjoni u l-għan li għandu jintlaħaq mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni [16].

34. F'dan ir-rigward, il-premessa 60 tad-Direttiva 2009/28 tesponi l-funzjoni tal-aċċess iggarantit, l-effetti li għalihom twassal l-implimentazzjoni tiegħu u l-għan li għandu jintlaħaq. Skont din il-premessa, l-aċċess iggarantit għandu bħala funzjoni li jiżgura "li l-elettriku kollu mibjugħ u appoġġat ikollu aċċess għall-grilja [network]". Fid-dawl tal-funzjoni tiegħu, l-implimentazzjoni tal-aċċess iggarantit għandha neċessarjament bħala effett "l-użu ta' ammont massimu ta' elettriku minn sorsi tal-enerġija rinovabbli minn impjanti konnessi mall-grilja". Fl-aħħar, l-għan li għandu jintlaħaq mil-leġiżlatur tal-Unjoni jikkonsisti f'li "sorsi ta' enerġija rinovabbli jkunu integrati fis-suq intern tal-elettriku" u f'żieda fl-għoti ta' aċċess prijoritarju għad-dispatching lill-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

35. Fl-aħħar mill-aħħar, l-iskarsezza ta' materjal li jippermetti l-padronanza tal-kunċett ta' "aċċess iggarantit", bla dubju ma jgħinx sabiex dan jinftiehem. Madankollu, mingħajr ma jkun neċessarju li l-eżami tad-domanda preliminari jiddefinixxi ulterjorment lil dan il-kunċett, nikkunsidra li l-aċċess iggarantit, hekk kif espost fil-premessa 60 tad-Direttiva 2009/28, huwa mekkaniżmu li jiżgura għall-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-aċċess għan-networks bil-għan li jitwassal l-elettriku mibjugħ.

## *B. Formulazzjoni mill-ġdid tat-tieni domanda preliminari*

36. Huwa paċifiku li billi adottat l-Artikolu 5(3) tal-Liġi Nru 123/2012 u l-Artikoli 1 u 2 tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013, ir-Rumanija tat aċċess iggarantit għan-networks lill-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jużaw is-sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli.

37. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-Liġi Nru 123/2012 tista' madankollu twassal għal tip ta' malintiż bejn aċċess iggarantit u għoti ta' aċċess prijoritarju għad-dispatching peress li din id-dispożizzjoni tissuġġetta l-għoti ta' aċċess iggarantit għall-osservanza tal-kundizzjonijiet li jaqgħu taħt l-aċċess prijoritarju għad-dispatching kif previst fl-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2009/72. Fil-fatt, skont il-kliem tal-Artikolu 5(3) tal-Liġi Nru 123/2012, l-aċċess iggarantit għan-networks jista' jingħata biss lil "impjanti tal-elettriku li jużaw karburant

[15] Id-Direttiva 2009/28 issuċċediet id-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 fuq il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli fis-suq intern ta' l-elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 121). Il-paragrafu 1 ta-Artikolu 7 tad-Direttiva 2001/77 intitolat "Kwistjonijiet fuq is-sistema tad-distribuzzjoni", jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri sabiex jipprevedu aċċess prijoritarju għan-networks għall-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli.

[16] Sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Abcur (C-544/13 u C-545/13, EU:C:2015:481, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

nazzjonali, fil-limitu ta' kwantita annwali ta' enerġija primarja ta' 15 % tal-kwantità totali ta' karburant ekwivalenti neċessarju għall-produzzjoni tal-elettriku neċessarju għall-konsum gross finali tal-pajjiż" [17].

38. Barra minn hekk, il-Gvern Rumen sostna quddiem il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) li l-għan tal-Artikolu 5(3) tal-Liġi Nru 123/2012 kien li jittrasponi l-aċċess prijoritarju għad-dispatching hekk kif previst fl-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2009/72. Jidhirli li dan il-fatt wassal lill-qorti tar-rinviju biex tirreferi għall-Artikolu 15(4) ta' din id-direttiva meta hija fformulat it-tieni domanda tagħha dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-aċċess iggarantit hekk kif previst fl-Artikolu 5(3) tal-Liġi Nru 123/2012.

39. Issa sabiex tingħata risposta għad-domanda li tirrigwarda essenzjalment il-possibbiltà għal Stat Membru li jagħti aċċess iggarantit għan-networks lil xi impjanti ta' produzzjoni ta' elettriku li jużaw sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli, ma jidhirlix li l-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2009/72 huwa ta' importanza ċentrali. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tad-Direttiva tittratta biss l-aċċess prijoritarju għad-dispatching, taħt xi kundizzjonijiet, ta' ċerti installazzjonijiet ta' produzzjoni li jużaw sorsi ta' karburant indiġenu ta' enerġija primarja.

40. Min-naħa l-oħra, nosserva li l-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28 huwa l-unika dispożizzjoni li tittratta l-aċċess iggarantit. Madankollu, kif ġie nnotat mill-qorti tar-rinviju, l-obbligu għall-Istati Membri li jagħtu aċċess iggarantit għan-networks jipprevedi biss l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (iktar 'il quddiem, l-"elettriku aħdar"). Għaldaqstant, jidhirli neċessarju li jiġi ddeterminat jekk tali artikolu jirriżervax dan l-aċċess għall-elettriku aħdar biss.

41. Barra minn hekk, jidhirli li l-aċċess iggarantit għan-networks, kif previst fl-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28, jadatta, parzjalment u għall-elettriku aħdar biss, ir-regoli ta' aċċess tat-terzi għan-networks li hemm fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/72.

42. Fil-fatt, l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/72, u, b'mod iktar partikolari l-paragrafu (1) tiegħu, jistabbilixxi l-prinċipju ta' aċċess liberu tat-terzi għan-networks, prinċipju li għandu bħala korollarju l-projbizzjoni tal-Istati Membri li jipprevedu regoli ta' aċċess għan-networks diskriminatorji bejn l-utenti. Issa, peress li l-aċċess iggarantit huwa mekkaniżmu li jiżgura l-aċċess għan-networks lill-installazzjonijiet ta'produzzjoni li jibbenefikaw minnu, sabiex jiġi ttrasportat l-elettriku mibjugħ, dan għandu effett ċert fuq l-aċċess għal dawn l-istess networks għall-installazzjonijiet li ma jibbenefikawx minnu. Minħabba dan l-impatt, jidhirli li huwa neċessarju li jiġi eżaminat l-aċċess iggarantit hekk kif previst mid-dritt Rumen fid-dawl tal-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72.

43. Fl-estensjoni ta' dan l-eżami, jidhirli neċessarju wkoll li jiġi vverifikat jekk l-Artikolu 3(2) u (14) tad-Direttiva 2009/72 jipprekludix l-aċċess iggarantit hekk kif previst mid-dritt Rumen. Fil-fatt, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-għoti ta' aċċess iggarantit ġie ġġustifikat quddiem il-qorti tar-rinviju bil-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà fil-provvista tal-elettriku. Tali ġustifikazzjoni, meta ġiet sostnuta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ġiet eżaminata konsistentement minnha b'rigward tal-Artikolu 3(2) u (14) tad-Direttiva 2009/72 li jippermettu lill-Istati Membri jirrestrinġu, taħt xi kundizzjonijiet, l-aċċess liberu tat-terzi għan-networks previst fl-Artikolu 32(1) ta' din l-istess direttiva meta l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tirriskja li tostakola it-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku mill-impriżi fil-qasam tal-elettriku.

[17] Għaldaqstant, id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013 twettaq distinzjoni ċara bejn l-aċċess iggarantit (Artikoli 1 u 2) u l-aċċess prijoritarju għad-dispatching (Artikolu 3).

44. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli neċessarju, sabiex tingħata risposta utli għas-soluzzjoni tal-kawża lill-qorti tar-rinviju, li nipproċedu għal riformulazzjoni tat-tieni domanda, hekk kif ġiet imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja[18].

45. Għaldaqstant, nissuġġerixxi r-riformulazzjoni tat-tieni domanda fil-kliem li ġej:

"Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28 u tal-Artikolu 3(2) u (14), kif ukoll tal-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża preżenti li tagħti aċċess iggarantit għan-networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni lil xi installazzjonijiet ta' produzzjoni tal-elettriku li jużaw sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli sabiex tiġi żgurata s-sigurtà fil-provvista tal-elettriku?"

## *C. L-eżami tad-domanda preliminari fformulata mill-ġdid.*

46. Kif esponejt hawn fuq, ser nipprova niddetermina, inizjalment, jekk l-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28, jirriżervax l-aċċess iggarantit għan-networks għall-elettriku aħdar biss. Sussegwentement, ser neżamina l-limitazzjoni li għaliha jwassal l-aċċess iggarantit hekk kif previst mid-dritt Rumen fuq il-prinċipju ta' aċċess liberu tat-terzi għan-networks previst fl-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72 kif ukoll tal-ġustifikazzjoni eventwali tagħha fir-rigward tal-Artikolu 3(2) u (14) ta' din l-istess direttiva.

### *1. Fuq il-kompatibbiltà ta' aċċess iggarantit għan-networks għall-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli mal-aċċess iggarantit stabbilit mid-Direttiva 2009/28*

47. Skont l-Artikolu 16(2)(b), tad-Direttiva 2009/28, "l-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll jew għal aċċess prijoritarju jew għal aċċess garantit għas-sistema ta' grilja [network] tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli". Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni, billi żamm il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, kellux l-intenzjoni jirriżerva l-aċċess iggarantit għan-networks għall-elettriku aħdar biss, ser nipproċedi għall-interpretazzjoni litterali u teleoloġika tagħha[19]. Jidhirli li din l-analiżi għandha twassal għall-kompatibbiltà, taħt kundizzjonijiet, tal-għoti ta' aċċess iggarantit lil xi installazzjonijiet ta'produzzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli mad-Direttiva 2009/28.

#### *a) Fuq l-interpretazzjoni litterali*

48. L-interpretazzjoni litterali tal-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28 ma tippermettilix li jiġi konkluż li hemm projbizzjoni għall-Istati Membri milli jagħtu aċċess iggarantit għan-networks lil xi installazzjonijiet ta' produzzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli.

49. Fil-fatt, fil-verżjoni bil-lingwa Franċiża, l-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28 tindika li "les États membres prévoient, en outre, soit un accès prioritaire, soit un accès garanti au réseau pour l'électricité produite à partir de sources d'énergie renouvelables". Fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża, din l-istess dispożizzjoni tipprevedi li "Member States shall also provide for either priority access or guaranteed access to the grid-system of electricity produced from renewable

[18] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, T-Systems Magyarország (C-263/19, EU:C:2020:373, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[19] Sentenza tal-10 ta' Settembru 2014, Ben Alaya (C-491/13, EU:C:2014:2187 punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

energy sources". Fl-aħħar, il-verżjoni bil-lingwa Estonjana, din id-dispożizzjoni tistabbilixxi li l-Istat Membri "sätestavad ka taastuvatest energiaallikatest toodetud elektrienergia kas eelistatud või tagatud juurdepääsu võrgusüsteemile".

50. B'hekk, filwaqt li f'kull waħda minn dawn il-verżjonijiet lingwistiċi huwa ddikjarat obbligu, dan huwa kkostitwit fl-għoti mill-Istati Membri, ta' aċċess prijoritarju jew iggarantit għan-networks lill-elettriku aħdar mingħajr ma tali aċċessi jiġu rriżervati għal dan l-elettriku biss. Fi kliem ieħor, l-ebda minn dawn il-verżjonijiet lingwistiċi eżaminati tal-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28 ma jippermettuli nikkonkludi li l-leġiżlatur tal-Unjoni pprojbixxa lill-Istati Membri milli jagħtu aċċess iggarantit għan-networks lil impjanti oħra ta' produzzjoni għajr dawk li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

*b) Fuq l-interpretazzjoni teleoloġika*

51. Għall-ħtiġiet tal-interpretazzjoni teleoloġika tad-dispożizzjoni inkwistjoni, jidhirli neċessarju li jiġi nnotat li n-networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni għandhom kapaċità ta' trażmissjoni limitata ħafna. B'hekk, dawn in-networks ma jistgħux bilfors jittrasportaw l-elettriku kollu prodott jew dak li jista' jiġi prodott mill-installazzjonijiet li jaqgħu taħtu [20].

52. Issa, fir-rigward tal-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28, mill-premessa 60 ta' din id-direttiva jirriżulta li l-aċċess iggarantit għan-networks jipprevedi partikolarment sabiex jiġu integrati s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-suq intern tal-elettriku permezz tal-użu ta' kwantità massima ta' elettriku aħdar. Għaldaqstant, minn dan niddeduċi li l-operaturi tan-networks jallokaw lill-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jibbenefikaw minn aċċess iggarantit kapaċità ta' trasport li tikkorrispondi għall-kwantità ta' elettriku aħdar li tista' tintuża.

53. B'hekk, mill-kapaċità limitata ħafna tan-networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, minn naħa, u l-allokazzjoni ta' kapaċità li jwassal għaliha l-aċċess iggarantit, min-naħa l-oħra, inqis li l-għoti ta' aċċess iggarantit għan-networks lill-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli jista', f'xi sitwazzjonijiet biss, iwassal biex l-aċċess mogħti lill-elettriku aħdar ma jiġix dejjem żgurat [21].

54. Madankollu, jidhirli li dawn il-fatti ma għandhomx iwasslu għal interpretazzjoni li twassal biex jiġi kkunsidrat li l-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28 jipprekludi, fil-każijiet kollha, l-għoti ta' aċċess iggarantit għan-networks lil xi installazzjonijiet ta' produzzjoni li ma jużawx sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

55. Fil-fatt, għall-kisba tal-għan din id-dispożizzjoni għandha l-intenzjoni li tilħaq, li tikkonsisti fl-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-suq intern tal-elettriku permezz tal-użu ta' ammont massimu ta' elettriku aħdar, ma huwiex meħtieġ li jitqies li l-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28 jipprekludi l-għoti ta' aċċess iggarantit għan-networks għall-installazzjonijiet ta' produzzjoni li ma jużawx sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

[20] Barra minn hekk, din is-sitwazzjoni hija prevista fl-Artikolu 32(2) tad-Direttiva 2009/72 li jipprevedi li "[l]-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew ta' distribuzzjoni jista' jirrifjuta l-aċċess fil-każ li ma jkollux il-kapaċità neċessarja".

[21] Pereżempju, jekk Stat Membru jagħti aċċess iggarantit għall-installazzjonijiet kollha ta' produzzjoni konnessi miegħu, ebda waħda minnhom ma tkun tista', f'dawn iċ-ċirkustanzi, tinvoka tali aċċess. F'dan il-każ, għaldaqstant, l-Istat Membru li ta tali aċċess jonqos milli josserva l-obbligi tiegħu li jirriżultaw mill-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28.

56. Barra minn hekk, tali interpretazzjoni fiha tip ta' radikalità li ma tidhirlix li hija kompatibbli mal-marġni ta' manuvra li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-Istati Membri f'dan il-qasam. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-leġiżlatur tal-Unjoni, fl-okkażjoni tal-adozzjoni tad-Direttiva 2009/28, ma kellux l-intenzjoni jwettaq armonizzazzjoni eżawrjenti tal-iskemi nazzjonali ta' sostenn għall-produzzjoni tal-enerġija ħadra[22]. Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni hija koerenti mad-dikjarazzjoni iktar ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja li skontha "l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, fil-qasam tal-ambjent, ma tipprevedix armonizzazzjoni kompleta"[23]. Għaldaqstant, nikkunsidra li l-Istati Membri jżommu marġni ta' manuvra sinjifikattiva meta jimplimentaw dan l-istrument[24].

57. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, inqis, bħall-Kummissjoni, li l-għoti minn Stat Membru ta' aċċess iggarantit għan-networks, lil installazzjonijiet ta' produzzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli, jidhirli li huwa kompatibbli mal-obbligu stabbilit fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2009/28 sakemm l-aċċess iggarantit mogħti lill-elettriku aħdar ikun żgurat. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-elettriku aħdar effettivament kellu aċċess iggarantit għan-networks, kif previst mill-Artikolu 16(2) ta' din id-direttiva[25].

*2. Fuq il-kompatibbiltà ta' aċċess iggarantit għan-networks għal xi installazzjonijiet ta' produzzjoni mar-regoli ta' aċċess stabbiliti mid-Direttiva 2009/72*

58. Fl-okkażjoni tal-eżami tal-kompatibbiltà ta' miżuri nazzjonali mar-regoli ta' aċċess tat-terzi għan-networks previsti mid-direttivi li jikkonċernaw regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku[26], il-Qorti tal-Ġustizzja fasslet qafas ta' analiżi singolari li jirriżulta mill-artikulazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw dan l-aċċess, qafas li nesponi u sussegwentement ser nipproponi li nsegwi.

59. Previst fl-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72, il-prinċipju ta' aċċess liberu tat-terzi għan-networks ġie kklassifikat mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala "miżura essenzjali" sabiex jiġi kkompletat is-suq intern tal-elettriku[27]. B'hekk l-importanza ta' dan il-prinċipju wassalha biex tikkunsidra li kull limitazzjoni imposta minn Stat Membru hija awtorizzata biss fil-każijiet fejn id-Direttiva 2009/72 tipprevedi eċċezzjonijiet jew derogi[28].

60. Fir-rigward ta' tali eċċezzjonijiet jew derogi, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-Artikolu 3(2) u (14) tad-Direttiva 2009/72 sa fejn dan jippermetti lill-Istati Membri jirrestrinġu, taħt xi kundizzjonijiet, l-aċċess liberu tat-terzi għan-networks previst fl-Artikolu 32(1) ta' din id-direttiva jekk l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tista' tfixkel it-twettiq minn impriżi tal-elettriku, li minnhom jagħmlu parti l-installazzjonijiet ta' produzzjoni, tal-obbligi tagħhom ta' servizz pubbliku, li jistgħu jkunu jirrigwardaw is-sigurtà fil-provvista[29].

22 Sentenzi tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft (C-573/12, EU:C:2014:2037, punt 59) u tal-4 ta' Ottubru 2018, L.E.G.O. (C-242/17, EU:C:2018:804, punti 53 *et seq.*).

23 Sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Azienda Agro-Zootecnica Franchini u Eolica di Altamura (C-2/10, EU:C:2011:502, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, L.E.G.O. (C-242/17, EU:C:2018:804, punt 54).

25 Jidhirli li l-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28 ġie traspost fl-Artikolu 70(a) tal-Liġi Nru 123/2012.

26 Id-Direttiva 2009/72 issuċċediet lid-Direttiva 2003/54 li hija stess issuċċediet lid-Direttiva 96/92.

27 Sentenzi tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks (C-439/06, EU:C:2008:298, punt 44); tad-29 ta' Settembru 2016, Essent Belgium (C-492/14, EU:C:2016:732, punt 76), u tas-17 ta' Ottubru 2019, Elektrorazpredelenie Yug (C-31/18, EU:C:2019:868, punt 41).

28 Sentenzi tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks (C-439/06, EU:C:2008:298, punt 55).

29 Sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks (C-439/06, EU:C:2008:298, punt 58).

61. Fl-istess ħin, peress li l-eżami tal-kompatibbiltà tal-miżuri nazzjonali mal-Artikolu 32(1) u l-Artikolu 3(2) u (14) tad-Direttiva 2009/72 jeħtieġ għal kull wieħed minnhom kontroll ta' proporzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tipproċedi għal tali kontroll fit-tmiem tal-eżami sabiex, kif naraha jien, tevita kull duplikazzjoni inutli[30].

*a) Fuq l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72*

62. Il-prinċipju ta' aċċess liberu tat-terzi għan-network ġie fformulat, minkejja li b'mod embrijoniku, sa mill-adozzjoni tad-Direttiva 96/92[31]. Sussegwentement, dan il-prinċipju, sistematikament irrepetut, ġie żviluppat mid-direttivi sussegwenti li jikkonċernaw ir-regoli komuni għas-suq intern[32].

63. L-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72 jipprevedi b'mod partikolari li tiġi żgurata "l-implimentazzjoni ta' sistema ta' aċċess għal terzi parti għas-sistemi ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni". F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra, b'mod kostanti, li dan id-dritt jikkostitwixxi "waħda mill-miżuri essenzjali li l-Istati Membri huma obbligati jimplimentaw sabiex jikkompletaw is-suq intern tal-elettriku"[33].

64. Barra minn hekk, dan il-prinċipju jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jorganizzaw l-aċċess tat-terzi għan-networks b'mod diskriminatorju. Fil-fatt, l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72 jipprevedi li s-sistemi ta' aċċess inkwistjoni għandhom jiġu "applikati b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistema"[34]. Il-Qorti tal-Ġustizzja approssimat il-projbizzjoni magħmula lill-Istati Membri milli jiddiskriminaw lit-terzi ma' dik stabbilita, b'mod iktar ġenerali, fl-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva[35], dispożizzjoni li tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jastjenu minn kull diskriminazzjoni f'dak li jirrigwarda d-drittijiet u l-obbligi tal-impriżi tal-elettriku.

65. Minn dan hija tqis li dawn id-dispożizzjonijiet "huma espressjonijiet partikolari tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza"[36], prinċipju li jimponi li "sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat"[37].

66. Għaldaqstant, huwa xieraq li wieħed jistaqsi dwar l-eżistenza ta' differenza fit-trattament fil-kawża li tinsab quddiemna.

30 Sentenza tad-29 ta' Settembru 2016, Essent Belgium (C-492/14, EU:C:2016:732, punti 86 u 94).

31 Ara l-Artikolu 16 tad-Direttiva 96/92 u l-ġurisprudenza relattiva (sentenza tas-7 ta' Ġunju 2005, VEMW *et*, C-17/03, EU:C:2005:362, punti 37 u 46).

32 Ara l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/54 u l-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU 2019, L 158, p. 125).

33 Sentenzi tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks (C-439/06, EU:C:2008:298, punt 44), tad-29 ta' Settembru 2016, Essent Belgium (C-492/14, EU:C:2016:732, punt 76) u tas-17 ta' Ottubru 2019, Elektrorazpredelenie Yug (C-31/18, EU:C:2019:868, punt 41).

34 Hidroelectrica tibbenefika mid-dritt li ma tiġix iddiskriminata, b'applikazzjoni tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/72 (dwar dan is-suġġett ara s-sentenza tad-29 ta' Settembru 2016, Essent Belgium, C-492/14, EU:C:2016:732, punti 71 sa 75).

35 Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2005, VEMW *et* (C-17/03, EU:C:2005:362, punt 46). Minkejja li d-Direttiva 96/92 kienet tinsab inkwistjoni, l-Artikolu 3(1) tagħha huwa fuq dan il-punt identiku għall-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/72.

36 Sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2005, VEMW *et* (C-17/03, EU:C:2005:362, punt 47) u tad-29 ta' Settembru 2016, Essent Belgium (C-492/14, EU:C:2016:732, punt 79).

37 Sentenza tat-28 ta' Novembru 2018, Solvay Chimica Italia *et* (C-262/17, C-263/17 u C-273/17, EU:C:2018:961, punt 66).

67. F'dan il-każ, l-aċċess għan-networks huwa żgurat sa mill-inqas 700 MW, abbażi tal-Artikolu 5(3) tal-Liġi Nru 123/2012 u tal-Artikoli 1 u 2 tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013, għal SC Complexul Energetic Hunedoara u għal SC Complexul Energetic Oltenia. Din is-sempliċi konstatazzjoni tippermetti li jiġi konkluż li hemm differenza fit-trattament għad-dannu tal-produtturi tal-elettriku li kellhom aċċess għan-networks inkwistjoni u li użaw sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli.

68. Bil-kontra ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, ma naħsibx li jkun neċessarju li jiġu rfinati iktar il-kategoriji tal-installazzjonijiet ta' produzzjoni affettwati mid-differenza fit-trattament li għadni kemm identifikajt. Qabel kollox, kieku l-miżura inkwistjoni pprevediet l-installazzjonijiet kollha ta' produzzjoni ta' elettriku li jużaw karburanti indiġeni, xorta waħda kont nikkonstata differenza fit-trattament peress li l-kombustibbiltà tas-sors ta' enerġija u l-oriġini ġeografika tiegħu ma humiex kriterji ta' differenzjazzjoni rrikonoxxuti mill-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72, fejn din id-dispożizzjoni, barra minn hekk, ma tirrikonoxxi ebda waħda. Sussegwentement, id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' installazzjonijiet ta' produzzjoni f'pożizzjoni li jipprovdu l-istess servizzi bħal dawk imwettqa mill-installazzjonijiet ta' produzzjoni previsti mill-miżura inkwistjoni għandha ssir, kif ser nispjega iktar 'il quddiem, fil-kuntest tal-eżami tal-Artikolu 3(2) u (14) tad-Direttiva 2009/72.

69. Fi kwalunkwe każ, is-sempliċi identifikazzjoni ta' din id-differenza fit-trattament ma hijiex suffiċjenti sabiex il-miżura inkwistjoni tiġi kklassifikata bħala diskriminatorja peress li hija għandha intenzjoni li tilħaq għan leġittimu [38].

70. Fir-rigward tal-ġustifikazzjoni eventwali ta' tali differenza fit-trattament, hemm lok li jiġi nnotat li l-Artikolu 5(3) tal-Liġi Nru 123/2012 jiġġustifika l-għoti ta' aċċess iggarantit għall-elettriku prodott mill-impjanti tal-elettriku li jużaw karburant intern minħabba raġunijiet marbuta mas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku. Barra minn hekk, mill-qari tad-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li din il-ġustifikazzjoni ġiet imressqa mill-partijiet li jsostnu l-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-aċċess iggarantit hekk kif previst mid-dritt Rumen.

71. Issa, inqis li ma hemm ebda dubju dwar il-leġittimità tal-għan li għandu jintlaħaq mill-miżura inkwistjoni, jiġifieri s-sigurtà fil-provvista tal-elettriku fir-Rumanija.

72. F'dan ir-rigward, infakkar li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72 jippermetti li l-Istati Membri jimponu obbligi ta' servizz pubbliku li jirrigwardaw is-sigurtà fil-provvista lill-installazzjonijiet li jipproduċu l-elettriku [39]. Barra minn hekk, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tat-TFUE u iktar partikolarment tal-Artikolu 36 tiegħu, ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà indikat li s-sigurtà fil-provvista tal-enerġija tista' tirriżulta minn raġunijiet ta' sigurtà pubblika [40].

73. Madankollu, is-sempliċi invokazzjoni ta' għan leġittimu ma hijiex suffiċjenti sabiex titwarrab il-klassifikazzjoni ta' differenza fit-trattament bħala "diskriminatorja". Fil-fatt, huwa meħtieġ ukoll li l-għan inkwistjoni jkun jista' jiġġustifika d-differenza fit-trattament imsemmija hawn fuq, "jiġifieri, essenzjalment, jekk din hijiex ibbażata fuq kriterju oġġettiv u raġonevoli u fi proporzjon mal-għan segwit" [41].

38 Sentenza tad-29 ta' Settembru 2016, Essent Belgium (C-492/14, EU:C:2016:732, punt 81).

39 Ara wkoll il-premessa 46 tad-Direttiva 2009/72.

40 Sentenza tas-17 ta' Settembru 2020, Hidroelectrica (C-648/18, EU:C:2020:723, punt 36)

41 Sentenza tad-29 ta' Settembru 2016, Essent Belgium (C-492/14, EU:C:2016:732, punt 85).

74. Madankollu, fir-rigward tal-kuntest tal-analiżi mfakkar preċedentement, ser nirriżerva l-iżviluppi tiegħi fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità għal fażi sussegwenti tal-konklużjonijiet tiegħi.

*b) Fuq l-Artikolu 3(2) u (14) tad-Direttiva 2009/72*

75. Kif imfakkar preċedentement, il-marġni ta' manuvra li għandhom l-Istati Membri sabiex jistabbilixxu miżuri neċessarji biex tiġi implimentata sistema ta' aċċess tat-terzi ma tawtorizzahomx iwarrbu l-prinċipju ta' aċċess liberu għan-networks imsemmi fl-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72 minbarra l-każijiet li fihom din id-direttiva tipprevedi eċċezzjonijiet jew derogi[42].

76. B'hekk, l-Artikolu 3(14) tad-Direttiva 2009/72 jippermetti lill-Istati Membri biex ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32 ta' din id-direttiva, "kemm-il darba l-applikazzjoni tagħhom tkun tista' xxekkel il-prestazzjoni, fil-liġi jew fil-verità, tal-obbligi imposti fuq l-impriżi tal-elettriku fl-interess ekonomiku ġenerali, u kemm-il darba l-iżvilupp tas-sengħa [kummerċ] ma jkunx affettwat b'tali mod li jkun imur kontra l-interessi tal-Komunità".

77. B'żieda ma' din id-dispożizzjoni, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72 jipprevedi li, billi l-Artikolu 86 KE (li sar l-Artikolu 106 TFUE) jittieħed kompletament inkunsiderazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq l-installazzjonijiet ta' produzzjoni tal-elettriku, obbligi ta' servizz pubbliku li jistgħu jirrigwardaw is-sigurtà fil-provvista[43].

78. Għaldaqstant, dawn l-obbligi għandhom jinftehmu bħala "miżuri ta' intervent pubbliku fil-funzjonament ta' dan is-suq, li jimponu fuq impriżi tas-settur tal-elettriku, għall-finijiet tat-tfittxija ta' interess ekonomiku ġenerali, li jaġixxi fuq l-imsemmi suq fuq il-bażi ta' kriterji imposti mill-awtoritajiet pubbliċi"[44].

79. Madankollu, l-obbligi ta' servizz pubbliku li jistgħu jiġu imposti minn Stat Membru fuq l-impriżi tal-elettriku huma stabbiliti. Fil-fatt, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72 jipprevedi li dawn l-istess obbligi għandhom jiġu "definiti b'mod ċar, trasparenti, mhux diskriminatorji, verifikabbli u għandhom jiggarantixxu l-ugwaljanza tal-aċċess lill-impriżi tal-elettriku Komunitarji għall-konsumaturi nazzjonali".

80. Sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-Artikolu 106 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li mill-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-obbligi ta' servizz pubbliku li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72 jippermetti li jiġu imposti fuq l-impriżi għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità[45].

81. Minn dawn id-dispożizzjonijiet kollha niddeduċi li l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq l-installazzjonijiet ta'produzzjoni obbligi ta' servizz pubbliku li jirrigwardaw is-sigurtà fil-provvista minkejja l-fatt li t-twettiq ta' dawn l-obbligi jostakola l-aċċess liberu tat-terzi għan-networks.

[42] Sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks (C-439/06, EU:C:2008:298, punt 55).

[43] Sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, ENEL (C-242/10, EU:C:2011:861, punt 38) u tad-29 ta' Settembru 2016, Essent Belgium (C-492/14, EU:C:2016:732, punt 87).

[44] Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Engie Cartagena (C-523/18, EU:C:2019:1129, punt 45).

[45] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, ENEL (C-242/10, EU:C:2011:861, punt 42).

82. Madankollu din il-possibbiltà mogħtija lill-Istati Membri ma hijiex mingħajr limitu, peress li l-miżuri nazzjonali, li għandhom jiġu adottati fl-interess ekonomiku ġenerali, ma jistgħu b'ebda mod jaffettwaw l-iżvilupp tal-kummerċ b'mod kuntrarju għall-interess tal-Unjoni. L-obbligi li għandhom dawn il-miżuri għandhom barra minn hekk jiġu ddefiniti b'mod ċar, u għandhom ikunu trasparenti, mhux diskriminatorji u verifikabbli. Fuq kollox, l-obbligi ta' servizz pubbliku għandhom jiżguraw li l-installazzjonijiet ta' produzzjoni tal-Unjoni jkollhom aċċess ugwali għall-konsumaturi nazzjonali. Fl-aħħar, dawn l-istess obbligi huma marbuta josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità.

83. Minkejja li hija l-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) li għandha tivverifika, fil-każ preżenti, jekk il-miżura inkwistjoni timponix effettivament xi obbligi ta' servizz pubbliku, minn naħa, u jekk tosservax ir-rekwiżiti msemmija preċedentement, min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tagħtiha l-preċiżazzjonijiet kollha neċessarji għall-verifika tagħha.

84. Barra minn hekk, ninnota b'ċertu stagħġib li l-partijiet li jsostnu l-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-miżura inkwistjoni jirreferu għas-sigurtà fil-provvista mingħajr ma ħadd minn fosthom ma jinvoka l-benefiċċju tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/72 u, bħala konsegwenza, ma jesponi r-raġunijiet li wassluhom jikkunsidraw li l-aċċess iggarantit hekk kif previst mid-dritt Rumen jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti minn din id-dispożizzjoni.

85. Fir-rigward tal-eżistenza ta' obbligi ta' servizz pubbliku imposti lill-installazzjonijiet ta' produzzjoni inkwistjoni, ma nemminx li l-aċċess iggarantit, hekk kif previst mid-dritt Rumen, jaqa' taħt tali obbligi. Fil-fatt, l-aċċess iggarantit għan-networks ma jillimitax il-libertà ta' azzjoni tal-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jibbenefikaw minnu fis-suq tal-elettriku. Bil-kontra, dawk li jingħataw aċċess bħal dan igawdu minn vantaġġ ekonomiku ċert billi għandhom l-assigurazzjoni li jittrasportaw l-elettriku mibjugħ.

86. Barra minn hekk, il-proċedura segwita mill-Gvern Rumen kif ukoll ir-raġunijiet li wassluh jidentifika l-installazzjonijiet ta' produzzjoni inkwistjoni ma humiex ċari. Pereżempju, f'dak li jirrigwarda n-natura diskriminatorja tal-miżura inkwistjoni, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk jeżistux installazzjonijiet ta' produzzjoni oħra li jistgħu jwettqu l-istess obbligi ta' servizz pubbliku minbarra dawk identifikati mid-Deċiżjoni Nru 138/2013 [46].

87. Fir-rigward tar-rekwiżit li jipprovdi li l-obbligi ta' servizz pubbliku għandhom jiżguraw għall-impriżi tal-elettriku tal-Unjoni aċċess ugwali għall-konsumaturi nazzjonali, l-aċċess iggarantit huwa, hekk kif preċedentement espost, mekkaniżmu li jiżgura lill-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jibbenefikaw minnu l-aċċess għan-networks sabiex jittrasportaw l-elettriku mibjugħ.

88. Mill-kapaċità limitata ħafna tan-networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, minn naħa, u mill-allokazzjoni tal-kapaċità li jwassal għaliha l-aċċess iggarantit, min-naħa l-oħra, niddeduċi li l-kapaċità hekk allokata tonqos daqs dik li tista' tiġi assenjata għat-trażmissjoni tal-elettriku prodott minn installazzjonijiet li ma jibbenefikawx minn tali aċċess. Għaldaqstant, dawn l-installazzjonijiet jinsabu fl-impossibbiltà, li jonoraw, totalment jew parzjalment, it-tranżazzjonijiet imwettqa. Fi kliem ieħor, jekk il-kapaċità mhux suffiċjenti tan-networks ma għandhiex bħala kawża l-aċċess iggarantit mogħti, tali aċċess ikabbar l-importanza tiegħu għall-installazzjonijiet li ma jibbenefikawx minnu.

46 Ara, s-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, ENEL (C-242/10, EU:C:2011:861, punt 86) u tad-29 ta' Settembru 2016, Essent Belgium (C-492/14, EU:C:2016:732, punt 89).

89. F'dan ir-rigward, ninnota li f'dan il-każ l-Artikolu 5(3) tal-Liġi Nru 123/2012 u l-Artikoli 1 u 2 tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013 żguraw l-aċċess għan-networks tal-elettriku għall-installazzjonijiet ta' produzzjoni ta' mill-inqas 700 MW.

90. Għaldaqstant, il-miżura inkwistjoni pprekludiet, għall-inqas potenzjalment u parzjalment, lill-installazzjonijiet ta' produzzjoni li ma jibbenefikawx minnha milli jonoraw it-tranżazzjonijiet imwettqa u, minħabba dan, kienet ta' natura li taffettwa l-aċċess ugwali tal-produtturi tal-elettriku tal-Unjoni għall-konsumaturi nazzjonali.

91. Dawn l-osservazzjonijiet, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tasal biex taqbel magħhom, għandhom iwasslu għall-konstatazzjoni tal-inkompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mal-Artikolu 3(2) u (14) u l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72. Madankollu, jekk dan ma jkunx il-każ, l-iżviluppi li ġejjin ser ikomplu l-eżami tal-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mad-dispożizzjonijiet rilevanti.

92. Fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-Artikolu 106 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-miżura nazzjonali li timponi obbligi ta' servizz pubbliku għandha tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità u, minħabba dan, "tkun tista' tiżgura li jintlaħaq l-objettiv tagħha, u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dak il-għan, sabiex jiġi sodisfatt il-kriterju ta' proporzonalità" [47].

*c) Fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità*

93. Skont il-kliem tal-Ministerul Economiei, Energiei și Mediului de Afaceri (il-Ministru Rumen għall-Ekonomija, għall-Enerġija u għall-Qasam tan-Negozju) quddiem il-qorti tar-rinviju, il-miżura inkwistjoni ġiet adottata, bl-għoti ta' aċċess prijoritarju għad-dispatching u l-obbligu li jiġu pprovduti servizzi anċillari, sabiex tinbena l-kapaċità ta' produzzjoni, liema kostituzzjoni saret neċessarja minħabba diversi raġunijiet iżda li kollha jipperikolaw is-sigurtà ta' provvista tal-elettriku tar-Rumanija.

94. Fil-fatt, din kienet kwistjoni ta' bini tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli sabiex, fl-ewwel lok, ikunu f'pożizzjoni li jissodisfaw id-domanda waqt l-ogħla bżonn ta' konsum, fit-tieni lok, li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom installazzjonijiet li jistgħu jissostitwixxu lil dawk li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-każ tan-nuqqas ta' disponibbiltà tas-sors u, fit-tielet u l-aħħar lok, li jissodisfaw iż-żieda mistennija fil-kummerċ transkonfinali fil-kuntest tat-twettiq tal-proġett 4M MC [48].

95. Fir-rigward tal-eżami tal-proporzjonalità, għandu jiġi vverifikat, fl-ewwel lok, jekk il-miżura hijiex adattata sabiex jintlaħaq l-għan intiż li jiġu kkostitwiti kapaċitajiet ta' produzzjoni. F'dan ir-rigward, ħsibt dwar ir-raġuni għalfejn, kemm id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 138/2013 kif ukoll id-deċiżjoni tar-rinviju jindikaw li l-aċċess iggarantit hekk kif previst mid-dritt Rumen jiżgura "funzjonament kontinwu" għall-installazzjonijiet ta' produzzjoni li bbenefikaw minnu. Fl-opinjoni tiegħi, l-aċċess iggarantit huwa fil-fatt inkapaċi li jiżgura fih innifsu l-funzjonament kontinwu ta' installazzjoni ta' produzzjoni peress li jikkostitwixxi biss garanzija ta' aċċess għan-networks. Jidhirli iktar preċiż li jiġi kkunsidrat, għar-raġunijiet esposti iktar 'il quddiem, li

[47] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, ENEL (C-242/10, EU:C:2011:861, punt 55).

[48] "The 4M Market coupling is the day ahead electricity trading platform of the CEE region" (Sterpu, V., *The analysis of 4M MC electricity market*, Erasmus University Rotterdam, 2018, p. 8, https://thesis.eur.nl/pub/44746/Sterpu-V.-447658-.pdf).

l-funzjonament kontinwu tal-installazzjonijiet ta' SC Complexul Energetic Hunedoara u ta' SC Complexul Energetic Oltenia rriżulta mill-kumbinazzjoni tal-għoti ta' aċċess prijoritarju għad-dispatching u tal-aċċess iggarantit, hekk kif previsti mid-dritt Rumen [49].

96. Qabel kollox, l-aċċess prijoritarju għad-dispatching ippermetta d-dispatching tal-installazzjonijiet ta' SC Complexul Energetic Hunedoara u SC Complexul Energetic Oltenia minn Transelectrica mingħajr kunsiderazzjoni bħala definizzjoni għall-ordni tal-preċedenza ekonomika. Sussegwentement, l-aċċess iggarantit żgura għal dawn l-istess installazzjonijiet li l-elettriku prodott u suġġett għal dispatching bi prijorità jkollu aċċess għan-networks anki jekk il-kapaċitajiet tagħhom probabbilment ma kinux jippermettuh.

97. F'dan ir-rigward, ninnota li l-valur tal-aċċess iggarantit huwa funzjoni tal-kapaċità tan-networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni. B'hekk, l-assigurazzjoni pprovduta mill-aċċess iggarantit għandha wisq iktar valur għall-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jibbenefikaw minnha milli għan-networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni li jsofru strutturalment minn kapaċitajiet insuffiċjenti. Bil-kontra, aċċess iggarantit għan-networks jitlef is-sens tiegħu meta l-kapaċità ta' dawn tal-aħħar tkun ogħla mill-kwantità ta' elettriku injettat.

98. Billi jiżgura parzjalment il-funzjonament kontinwu tal-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jibbenefikaw minnu, ma niddubitax li l-kapaċità tal-aċċess iggarantit huwa parti mill-kostituzzjoni ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni li jippermettu li tiġi żgurata s-sigurtà fil-provvista tal-elettriku ta' Stat Membru bħar-Rumanija [50].

99. Fit-tieni lok, jeħtieġ li ssir diskussjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk il-miżura inkwistjoni tistax tiġi kkunsidrata bħala neċessarja sabiex jintlaħaq l-għan intiż sabiex jiġu kkostitwiti kapaċitajiet ta'produzzjoni. F'dan ir-rigward, hija l-qorti tar-rinviju li għanda tivverifika jekk l-assenza ta' aċċess iggarantit jistax ifixkel it-twettiq, mill-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jibbenefikaw minnu, tal-obbligi ta' servizz pubbliku tagħhom, minn naħa, u d-determinazzjoni dwar jekk it-twettiq ta' dawn l-obbligi jistax iseħħ permezz ta' mezzi oħra li ma kinux ippreġudikaw id-dritt ta' aċċess għan-networks, min-naħa l-oħra [51].

100. Fir-rigward tar-riskju għall-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jiġu mfixkla waqt it-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku tagħhom jekk dawn jiġu miċħuda mill-miżura inkwistjoni, jidhirli li l-qorti tar-rinviju tista' tistaqsi fuq il-kapaċità tan-networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni u b'mod iktar speċifiku fuq in-natura strutturalment suffiċjenti jew insuffiċjenti tagħhom.

101. F'dak li jikkonċerna l-eżistenza ta' mezzi oħra li ma jippreġudikawx l-aċċess għan-networks u li jippermettu t-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tfakkar b'mod utli l-ġurisprudenza tagħha li skontha "għalkemm huwa minnu li Stat Membru li jinvoka l-Artikolu 90(2) għandu jagħti prova li l-kundizzjonijiet previsti minn din id-dispożizzjoni huma ssodisfatti, dan l-oneru tal-prova ma jistax jeżiġi minn dan l-Istat Membru, meta jesponi b'mod iddettaljat ir-raġunijiet għalfejn, fil-każ ta' tneħħija tal-miżuri inkriminati, il-kisba tal-missjonijiet ta' interess ekonomiku ġenerali taħt kundizzjonijiet ekonomikament aċċettabbli hija, fl-opinjoni

[49] Barra minn hekk, ma' dan l-ewwel dispożittiv ikkostitwit mill-għoti ta' aċċess prijoritarju għad-dispatching u mill-aċċess iggarantit, dispożittiv ieħor, li jidhirli li għandu l-istess skop bħall-ewwel wieħed, ikkonsista f'obbligu għal SC Complexul Energetic Hunedoara u SC Complexul Energetic Oltenia li jipprovdu servizzi anċillari ta' potenza elettrika ta' mill-inqas 1,000 MW lil Transelectrica.

[50] Kif ġie evokat f'dawn il-konklużjonijiet, il-premessa 60 tad-Direttiva 2009/28 tindika li l-aċċess iggarantit "jippermetti l-użu ta' ammont massimu ta' elettriku minn sorsi tal-enerġija rinovabbli minn impjanti konnessi mall-grilja [network]".

[51] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks (C-439/06, EU:C:2008:298, punt 60).

tiegħu, imqiegħda inkwistjoni, li jieħu miżuri ulterjuri biex juri, b'mod pożittiv, li ebda miżura oħra immaġinabbli, li bħala definizzjoni tkun ipotetika, ma tista' tippermetti li tiġi żgurata l-kisba tal-imsemmija funzjonijiet taħt l-istess kundizzjonijiet [traduzzjoni mhux uffiċjali]" [52].

102. Bħala konklużjoni, inqis li r-risposta għat-tieni domanda preliminari għandha tkun li Stat Membru jista' jagħti aċċess iggarantit għan-networks lil ċerti installazzjonijiet ta' produzzjoni tal-elettriku li jużaw sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli sabiex jiżguraw is-sigurtà fil-provvista tagħhom, bil-kundizzjoni li, minn naħa, l-aċċess għan-networks għall-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, mogħti b'applikazzjoni tal-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28 ġie żgurat, u li, min-naħa l-oħra, ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72 u, fil-każ fejn il-qorti tar-rinviju tidentifika obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq dawn l-istess installazzjonijiet ta' produzzjoni tal-elettriku, fl-Artikolu 3(2) u (14) ta' din id-direttiva ġew osservati u sakemm din il-leġiżlazzjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex minnha.

## V. Konklużjoni

103. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tirrispondi kif ġej għat-tieni domanda preliminari magħmula mill-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija) hekk kif ifformulata mill-ġdid:

L-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE, l-Artikolu 3(2) u (14) u l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ li tagħti aċċess iggarantit għan-networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni lil ċerti installazzjonijiet ta' produzzjoni tal-elettriku li jużaw sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli sabiex tiġi żgurata s-sigurtà fil-provvistà tal-elettriku bil-kundizzjoni li l-aċċess għan-networks għall-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli mogħti b'applikazzjoni tal-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2009/28 ikun ġie żgurat, li r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 32(1), tad-Direttiva 2009/71 u, fil-każ fejn il-qorti tar-rinviju tidentifika obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq dawn l-istess installazzjonijiet ta' produzzjoni tal-elettriku, fl-Artikolu 3(2) u (14) ta' din id-direttiva jkunu ġew osservati u sakemm din il-leġiżlazzjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex minnha. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, fil-kawża prinċipali, din il-kundizzjoni ġietx issodisfatta.

52 Sentenza tat-23 ta' Ottubru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza (C-159/94, EU:C:1997:501, punt 101).